# IL-MAZZA KAPITULARI TAL-KOLLEĠĠIATA TA' BORMLA: TIFKIRA TA' L-IKURUNAZZJONI

*Kitba ta' R. Gatt*

Huwa xieraq li f'għeluq id-disgħin sena minn meta l-mazza kapitulari ntużat għall-ewwel darba fil-Kolleġġjata ta' Bormla li nagħti xi tagħrif li ġbart dwarha.

Sa minn meta il-knisja parrokkjali ta' Bormla ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' kolleġjata insinji, il-kapitlu kiseb bost privileġġi li kienu marbuta ma' doveri lejn il-knisja. Il-Kanonċi ngħatalhom id-dritt li jilbsu r-rukkett, il-muzzetta, il-"pellicia" u s-salib "pettorali". Il-kantur għandu l-virga ndurata, u t-teżorier kellu wkoll il-"Cappa magna". Kellhom privileġġi oħra li ftit ftit tnaqqru u ntilfu maż-żmien. Ta' min ifakkar li l-knisja saret kolleġġjata bil-Breve tal-Papa Piju VII (1800 - 1823) f' Ġunju 1822, fi żmien l-Isqof Ferdinando Mattei (1807 - 1829). L-ewwel kapitlu magħmul minn tmintax -il kanonku kien ħa l-pussess lejliet il-festa tal-Kunċizzjoni ta' l-1823. Kien jum ta' ferħ għan-nies u l-kleru ta' Bormla.



Disinn tal-Mazza
disinn Abraham Gatt

## IT-TALBA GĦALL-MAZZA

Ix-xewqa li l-kapitlu, il-kleru u l-Bormliżi li jiksbu d-dritt li jkollhom il-mazza kien ilu fi ħsiebhom. Iżda biex din ix-xewqa twettqet kellhom jgħaddu aktar minn tmenin sena minn meta l-knisja saret Kolleġġjata. Il-festa ta' l-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari fl-1905, kien l-aktar waqt xieraq biex il-Kapitlu jressaq it-talba tiegħu lis-Santa Sede. Għalhekk il-Kapitlu għamel it-talba tiegħu. L-isqof Pietro Pace (1889 - 1914) żied ir-rakomandazzjoni tiegħu u tressaq kollox formalment lis-Santa Sede. Fi ftit xhur il-Papa Piju X (1903 - 1914) laqa' t-talba u fl-20 ta' Frar 1906 ħareġ il-Breve li wasal Malta fi żmien qasir. L-Isqof malajr ħareġ id-diġriet għat-twettiq tiegħu. Dan kien fi żmien l-Arċipriet Kan. Dun Giovanni Cauchi (1902 - 1929) . Il-mazza ngħatat b'tifkira ta' l-Inkurunazzjoni tal-

Kwadru titulari tal-Kunċizzjoni, kif turi l-lapida li hemm ħdejn il-fonti tal-magħmudija ; lapida li tfakkar ukoll il-ġrajja ta' l-Inkurunazzjoni. Bormla kienet it-tielet waħda f' Malta li bdit tuża l-mazza wara l-Katidral u l-Kolleġġjata ta' S .Pawl, u l-ewwel Belt fil-Kottonera.

IL-MAZZA X'INHI ?

Huwa diffiċli li nkunu nafu x'inhu l-oriġini tal-mazza dekorata kif nafuha llum. Mhux la kemm wieħed igħid meta bdiet tintuża mill-knisja. Dan kollu jidher li ntilef mal-medda taż-żmien. Baqa' biss it-tifsira simbolika tagħha bħala għelm ta' awtorita' jew uffiċċju. Il-mazza tingħata mis-Santa Sede lil Kolleġġjati fuq il-merti ta' kull waħda minnhom u tirrappreżenta lill-kapitlu. Kif il-fratelli tal-fratellanza jimxu wara l-istandard tagħhom u s-saċerdoti wara s-salib tal-Kleru, hekk ukoll il-kapitlu jimxi wara l-mazza. Il-mazza tintuża fil-jiem tal-festi u f' okkażżjonijiet oħra speċjali meta jieħu sehem il-Kapitlu. Tintrefa' mill-mazzier fuq l-ispalla x-xellugija, iżda b'sinjal ta' luttu bħal fil-Ġimgħa l-Kbira u fil-funerali, tinġarr mimduda mserrħa fuq id-driegħ xellugi.

Aktarx il-mazza tkun tal-metall u l-għamla u d-daqs tagħha jvarja minn Kolleġġjata għal oħra. Ġeneralment din tinqasam f' żewġ partijiet – il-parti prinċipali ta' fuq , u l-lasta. Il-parti ta' fuq tkun imżejna u jkollha diversi simboli marbuta mal-knisja tal-lokal, kif ukoll xi statwetti u aktarx figura

SIMONS
FASHION STORES
REGENCY HOUSE, VALLETTA. TEL : 222932

| COSPICUA | B'KARA | HAMRUN | GZIRA | QORMI |
|---|---|---|---|---|
| 878307 | 448992 | 231821-240849 | 310242 | 449024 |

Javżaw li rċevew stock ġdid ta' Ibies u Blażers ta'rġiel.
Issibu wkoll varjazzjoni kbira ta' Qomos, Qliezet, Tops,
Jeans u kull ma għandkom bżonn għax-Xitwa.
KOLLOX BI PREZZIJIET BAXXI

żgħira tat-titular fuq il-quċċata tagħha.

## IL-MAZZA TA' BORMLA

Mal-ksib ta' l-użu tal-mazza, il-knisja ta' Bormla kien meħtieġ ikollha l-mazza kapitulari u mazzier biex jerfagħha. Fi żmien qasir il-kapitlu ma damx ma kellu kollox. L-iskultur ABRAM GATT (1863 - 1944) li kien ta lill-knisja ta' Bormla bosta xogħlijiet, għamel id-disinn fuq stil barokk mill-isbaħ, kemm fil-kompożizzjoni u l-proporzjon tiegħu. Inħadmet tal-fidda b' fedelta' kbir lejn id-disinn tiegħu mill-Arġenterija "Antonio Ghezzi e Figlio" ta' Milan. Saret tal-fidda biex tingħażel minn dik tal-Katidral. Hija opra artistika u ornamentali bil-figura tal-Kunċizzjoni b' erba' statwetti oħra u erba stemmi. Il-mazza hija twila 120 cm . (4 piedi) u wiesgħa 25 cm. (10 pulzieri) u ġġib fuqha l-boll tal-fidda tad-ditta Ghezzi.

Fuq sfera miżmuma mill-emblemi ta' l-erba' evanġelisti - anġlu (S .Mattew) , iljun (S .Mark) , baqra ( S .Luqa) u ajkla (S .Ġwann) tistriħ statwetta tal-Madonna Inkurunata, b' dijadema madwar rasha, bis-swaba' ta' jdejha jmissu ma' xulxin ; b'riġlejha fuq ras is-serpent u l-oħra żżomm il-qamar. Fil-kantunieri naraw erba' statwetti oħra f' pożizzjoni bilqegħda fuq mensoli jserrħu fuq puttini. Dawn jiffiguraw lil San Mattew , lil San Mark , lil San Luqa u lil San Ġwann. Bejniethom hemm erba' stemmi ta' l-ismalt ikkuluriti li jispikkaw sewwa. Dawn huma tal-Kolleġġjata, tal-Papa Piju X, tal-Kardinal Domenico Ferrata u ta' l-Isqof Pietro Pace ; tliet persunaġġi li għandhom rabta kbira ma' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru. Il-mazza għandha dekorazzjonijiet oħra b'disinji ħelwin fil-lasta.


Il-MazzaKapitulari

## IL-MAZZIERA U L-ILBIES

L-ewwel mazzier li kellha l-Kolleġġjata kien ċertu Pietru. Warajh kien hemm Piju Camilleri, Wenzu Giordano, Ġużeppi Caruana u Carmelo Debono. Wara l-gwerra meta l-knisja reġgħet fetħet, l-ewwel kellha lil Ercole Pace, imbagħad lil Nazzareno Ellul u lil Toni Gasan. Wara sar Gustavo Cilia, imbagħad Carmelo Grech, Charles Cioffi u Toni Ebejer. Il-mazzier prezenti hu Alfred Busuttil. Dawn kollha taw servizz lill-knisja u għamilna tajjeb li semmejniehom biex ma jintesewx u fl-istess waqt sirna nafuhom.

L-ilbies prinċipali tal-mazzier jiġbor fih ġakketta u qalziet tal-vajguna sewda u mantell tal-ħarir iswed. Il-ġakketta hi ftit twila' u meta tintlibes tasal ftit l-isfel mill-irkoppa. Għandha frill tal-bizzilla bajda ma' l-għonq u fit-truf tal-

BIRBAL STORES

FOR MODERN AND EXCLUSIVE TEXTILES
CURTAINS AND UPHOLSTERY
WEDDINGS AND OCCASIONAL WEAR
THE LATEST FASHION IN FOOTWEAR

ALSO A LARGE SELECTION OF
LADIES', GENTS', AND CHILDREN'S WEAR
AT VERY COMPETITIVE PRICES

HOMPESCH ROAD, FGURA
TEL: 691269 FAX: 816727
Mon. to Frid. 8.30 a.m. to 12.30 p.m. - 3.30 p.m. to 7.00 p.m.
Saturday: 8.30 a.m. to 12.30 p.m.

kmiem. Taqfel quddiem u għandha ċinturin iswed bil-bokkla tal-fidda. Taħt il-ġakketta jitlibes il-qalziet bit-truf tal-qliezi miġmugħa u jaqflu l' isfel mill-irkoppa fuq kalzetti twal suwed. Il-mazzier juża żarbun iswed bil-bokkli tal-fidda fil-wiċċ tiegħu. Il-mantell tas-" seta pura " jintlibes fuq l-ispallejn u jaqfel quddiem b' lazz u ġmiemen tad-deheb. Għandu wkoll beritta sewda b' ġummiena tal-ħajt tad-deheb, par ingwanti bojod u xabla.

IL-MAZZA F' BORMLA

Kif ġa għidna, il-mazza ntużat għall-ewwel darba fis- 7 ta' Diċembru 1906 , lejlet il-festa. F' dak iż-żmien il-Kapitlu kien magħmul mill-Kan. Arċipriet D . Giovanni Cauchi ; il-Kan. Terorier D. Carmelo Vella ; il-Kan. Primiċerju D. Giuseppe Azzopardi ; il-Kan. Penitenzier D. Paolo Caruana ; il-Kan. Teologu D. Antonio Camilleri ; il-Kan. Prepostu D. Francesco Marmara' ; u il-Kanonċi D. Teodoro Bonnici ; D. Francesco Aquilina ; D. Lorenzo Vella ; D. Giovanni Falzon ; D. Costantina Cilia La Corte ; D.



Il-Mazzier Gustavo Cilia

Spiridione Penza ; D. Giuseppe Burlo' ; D. Luigi Trapani ; D. Francesco Moretti. Il-Kantur, id-Dekan u Kanonku ieħor kienu vakanti. Bħala ċerimonjier kien hemm D. Giovanni Pullicino u mazzier ,Pietru. Magħhom kien hemm diversi qassisin oħra jservu fil-parroċċa.

GHELUQ

Bil-mazza kapitulari mogħtija mill-Papa Piju X , (illum San Piju X ) bħala tifkira ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari, żgur li żdiedet paġna oħra fi ġrajjiet il-Kolleġġjata ta' Bormla.

---

BIBJOGRAFIJA :


1. Ferris A. - Descrizione Storica Delle Chiese Di Malta e Gozo , 1866.
2. Ghezzi A. - Catalago 1909.
3. Guida Generale di Malta e Gozo
4. Gazzetti - Il-Poplu Malti 1906 ; Lehen is- Sewwa 1951.
5. Tagħrif ġentilment miksub minn għand is-Sur Gustavo Cilia, 1996.
6. Noti miġbura mill-awtur.


- - - o - - -




CERFA

PET SHOP

Bird & Animal Importer

*Prop. Lorry Cassar*

9, Quarter Str., Vittoriosa - Malta

Tel & Fax 672893